Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 214 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Nicholas Vella

Vs

Pierre Darmanin

Illum 21 ta' Frar, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Pierre Darmanin, detentur tal-karta tal-identita Maltija 254077M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer u cioe' nhar l-4 ta' Diċembru, 2016, ghall-habta tal-23:00 ta' filghaxija gewwa fond bl-isem 'Palma Farmhouse', Tal-Palma, Limiti ta' l-Imgarr, Malta:

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, ingurja u/jew hedded lil Rachel Dalli bi kliem.
2. Fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamel uzu mhux xieraq b' apparat ta' komunikazzjoni elettronika.
3. Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u/jew glied u/jew mod iehor.
4. F' dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2016 u Frar 2017 bl-imgieba tieghu gab ruhu b' tali mod li ta fastidju lil Rachel Dalli meta kien jaf jew messu kien jaf li dan l-agir kien ta' fastidju ghall-imsemmija persuna.

5. F' dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2016 u Frar 2017 bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Rachel Dalli biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-axxendenti/dixxendenti jew propjeta' taghha u dan bi skur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9.
6. F' dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta' bejn Ottubru, 2016 u t-3 ta' Frar, 2017 ghamel uzu mhux xieraq b' apparat ta' komunikazzjoni elettronika.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta ma' l-akkuzat talli kiser il-kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar il-25 ta' Frar 2016 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn l-akkuzat kien liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn skont kif dispost fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna l-hrug ta' ordni ta' protezzjoni fit-termini tal-Artikolu 412 C ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Rachel Dalli jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 t' April, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 49, 251A, 251B, u 338(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-artikolu 49(c) tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettronici, Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, sabitu hati tal-kumplament u ikkundannatu multa ta' €8,000.

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-imputat instab hati tal-imputazzjoni nru. 7, u cioe` li wettaq reat waqt perjodu operattiv ta' liberazzjoni kondizzjonata imposti fuqha mill-Qorti tal-Apell Kriminali preseduta mill-Onor. Imhallef Dr. Giovanni Grixti fil-25 ta' Frar, 2016, ttrattat mieghu ghall-imputazzjoniji li dwarha kien tpogga' taht tali ordni daqs li kieku

ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli l-artikoli 22, 23 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 261(b), 263 u 287(4) tal-Kapitolu IX tal- Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-imputat ghal hames xhur prigunerija.

Finalment a tenur tal-artikolu 382 A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta harget Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Rachel Dalli Tua w l-familja taghha ghal zmien tlett (3) snin millum. A skans ta' kull ekwivoku, b' dan izda ghandu jibqa' bla mittifes kwalunkwe dritt t'access li l-missier jista' jkollu bis-setgha ta' xi ordni tal-Qorti.

F' kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Pierre Darmanin, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-11 ta' Mejju, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza msemmija billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghall-piena ta' hames xhur prigunerija wara li ttrattat mieghu ghall-ksur tal-liberazzjoni kondizzjonata u minflok timponi piena li ma tkunx wahda ta' prigunerija, u tikkonfermaha fil-bqija.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-piena erogata ghar-reat li tieghu kien instab hati bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali deciza nhar il-25 ta' Frar, 2016, hija wisq gravuza tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dak il-kaz.

Illi dan l-aggravju huwa limitat ghall-"piena" erogata fir-rigward tas-seba' imputazzjoni. L-esponent jirrileva li ma jaqbilx ma' l-apprezzament maghmul mill-ewwel Onorabbli Qorti, principalment ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija tat-tieni u tal-hames reati, izda, b' rispett lejn il-funzjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, huwa ma huwiex ser jillamenta formalment dwar tali apprezzament.

Illi qabel xejn l-esponent jippremetti li l-artikolu 23(1) ta' l-Att dwar il-*Probation* jiddisponi li jekk persuna li tkun inghatat liberazzjoni kondizzjonata tikkommetti reat matul il-perijodu moghti mill-Qorti, il-Qorti trid tittratta maghha ghar-reat li tieghu jkun inghata dik il-"piena". F' dan il-kaz hekk ghamlet il-Qorti tal-Magistrati u effettivament erogat piena fil-*minimum* ta' hames xhur prigunerija.

Illi din l-Onorabbli Qorti kienet rinfaccata b' sitwazzjoni similment anomala fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Martin Cachia*** *(06.05.2015)* u din l-anomalija giet rizolta, nonostante l-gurisprudenza fiha citata dwar appelli mill-piena, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali. L-esponent jissottometti bl-akbar rispett li huwa palezi li hekk kellu jsir fic-cirkostanzi partikolarissimi ta' dan il-kaz.

Illi l-esponent qieghed jissottometti li tezisti anomalija fl-Att dwar il-*Probation* ghaliex sitwazzjonijiet simili ghal dik in dizamina gew indirizzati espressament f' kaz ta' pieni iktar gravi. Infatti, l-artikolu 21 (2) ta' dan l-Att jipprospetta l-alternattiva ta' l-ghoti ta' ammenda ghall-ksur ta' sanzjoni komunitarja. Is-sanzjoni komunitarja tikkomprendi "pieni" li huma, *ex lege*, iktar gravi minn liberazzjoni kondizzjonata. Il-gerarkija ta' gravita` hija evidenti minn qari ta' l-artikolu 22(1) ta' l-Att. Naturalment qieghed jinghad li s-sitwazzjoni hija anomala minhabba l-interpretazzjoni li l-kliem "tista' tittratta" fl-artikolu 23(1) inghataw mill-gurisprudenza.

Illi, ghajr ghas-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tal-25 ta' Frar, 2016, l-esponent huwa persuna ta' kondotta nadifa. Terga' , is-sejbien ta' htija f' dik is-sentenza tirrigwarda, kif inghad, serq ta' ilma ta' valur *de minimis* ta' € 1.58.

Illi, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha, l-esponent jissottometti bl-akbar rispett li jezistu ragunijiet specjali u straordinarji li kienu jimmeritaw piena taht il-*minimum* prevvist mil-ligi. Persuna b' kondotta nadifa li tikkommetti serq ta' ilma ta' valur ta' € 1.58 kienet timmerita konsiderazzjoni iktar profonda qabel l-ghoti ta' piena ta' prigunerija effettiva. Qed jigi wkoll sottomess li l-piena tal-multa kienet tkun l-iktar wahda idonea fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti taghmel referenza ghal verbal ta' din il-Qorti tas-seduta ta nhar it-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn il-Qorti

irrilevat li l-process tal-kawza tal-Ewwel Qorti ghandu d-dokumentazzjoni nieqsa u l-partijiet kienu talbu differiment bies jirregolaw ruhhom. Nonostante l-fatt li jirrizulta li l-process fih atti nieqsa inkluz traskrizzjoni ta' xhieda u provi dokumentarja nieqsa, dan ma jinpingix fuq il-mertu tal-appell intavolat mill-appellant u din il-Qorti sejra ghalhekk tghaddi sabiex tikkunsidrah u tiddeciedieh skont il-ligi.

Illi l-appellant gie misjub hati mill-ewwel Qorti ta' numru ta' imputazzjonijiet inkluz dik rigwardanti l-ksur ta' kundizzjoni imposta fuq l-appellant b'sentenza al-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) fejn f'dik is-sentenza kien liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn.

Illi l-Ewwel Qorti wara li sabet htija tal-imputazzjonijiet kollha migbura kontra l-appellant salv ghall-ewwel (1) imputazzjoni, ghaddiet sabiex tikkundanna lill-appellant ghal multa ta' tmint'elef ewro (€8,000) kif ukoll ordnat a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta il-hrug ta' Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-appellant a favur ta' Rachel Dalli Tua u l-familja taghha ghal zmien tlett (3) snin.

Illi a tenur tal-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti s-seba' (7) imputazzjoni u cioe' li l-appellant wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta' liberazzjoni kundizzjonata imposti fuqu, l-Ewwel Qorti trattat mieghu ghall-imputazzjoni li dwarha kien tpogga' taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem l-Ewwel Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet. F'dan ir-rigward fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrileva li meta l-Ewwel Qorti fil-parti disposittiva tas-sentenza appellata rigwardanti din s-seba' (7) imputazzjoni, iccitat l-artikolu 287(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dan sar b'l*apsus calami* stante li jirrizulta li l-artikolu applikabbli kien l-artikolu 278(4) tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ikkunsidrat li '*Jirrizulta izda li l-imputat wettaq reati fit-terminu operattiv ta' dik is-sentenza, ghalhekk din l-ahhar imputazzjoni giet pruvata ukoll. Ghalhekk il-Qorti se titratta mal-imputat kif jipprovdi l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.*' Ghalhekk l-Ewwel Qorti kkunsidrat li trid tinfliggi piena fuq l-imputat ghal dik l-imputazzjoni li taghha kien instab hati fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax

(2016). L-Ewwel Qorti kkunsidrat '*Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz. Illi l-artikolu 28A(7)(c) tal-Kodici Kiminali jipprovdi li sentenza sospiza ma tistax tinghata f'kaz fejn ir-reat ikun sar fil-perijodu ta' liberazzjoni taħt kondizzjoni skont l-Att dwar il-Probation.*' Kien ghalhekk li trattat mieghu dwar l-imputazzjoni li taghha kien instab hati fis-sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) li kienet ikkonfermat is-sentenza tas-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) li dwarha kien tpogga' taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat minn dik il-Qorti ghal dik l-imputazzjoni u kkundannat lill-appellant ghal hames (5) xhur prigunerija.

Illi l-appellant fl-appell tieghu spjega li l-aggravju huwa limitat ghal piena erogata fir-rigward is-seba' imputazzjoni u rrileva li ghalkemm ma jaqbilx mal-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti, principalment ghal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' htija tat-tieni (2) u l-hames (5) reati, izda b'rispett lejn il-funzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ma huwiex jilmenta formalment dwar l-apprezzament u ghalhekk huwa appella biss mill-piena ta' prigunerija effettiva ta' hames (5) xhur u mhux bis-sejbien ta' htija tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u lanqas mill-kumplament tal-piena inflitta.

Illi l-appellant issottometta l-artikolu 23(1) tal-Att dwar il-Probation jiddisponi li jekk persuna li tkun inghatat liberazzjoni kondizzjonata tikkommetti reat matul il-perjodu moghti mill-Qorti, il-Qorti trid titratta maghha ghar-reat li tieghu jkun inghata dik il-piena. Jikkoncedi li l-Qorti hekk ghamlet u effettivament erogat piena fil-*minimum* ta' hames (5) xhur prigunerija.

Jissottometti li fl-Att dwar il-Probation tezisti anomalija ghaliex sitwazzjonijiet simili ghal dik in dizamina gew indirizzati espressament f'kaz ta' piena iktar gravi. Jissottometti li l-artikolu 21(2) ta' dan l-Att jipprospettta l-arternattiva tal-ghoti ta' ammenda ghall-ksur ta' sanzjoni komunitarja. Jissottometti li s-sanzjoni komunitarja tikkomprendi 'pieni' li huma, ex-lege, iktar gravi minn liberazzjoni kondizzjonata. Jissottometti li l-gerarkija ta' gravita hija evidenti minn qari tal-artikolu 22(1) tal-Att. L-appellant jissottometti li s-sitwazzjoni hija anomala minhabba l-interpretazzjoni li l-kliem '*tista*' *titratta*' fl-artikolu 23(1) inghataw mill-gurisprudenza. Jissottometti li ghajr ghas-sentenza tal-Qorti tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax

(2016), l-appellant huwa persuna ta' kondotta nadifa u li s-sejbieen ta htija f'dik is-sentenza tirrigwarda serq ta' ilma ta' valur *de minimis* ta' ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1.58). Huwa ghalhekk jissottometti li jezistu ragunijiet specjali u straordinarji li kienu jimmeritaw piena taht il-minimum prevvist mill-ligi. Jissottometti li persuna b'kondotta nadifa li tikkommetti serq ta' ilma ta' valur ta' ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1.58) kienet timmerita konsiderazzjoni iktar profonda qabel l-ghoti ta' piena ta' prigunerija effettiva u li l-piena tal-multa kienet tkun l-iktar wahda idonea fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal dak li jistipula l-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement sejra tikkunsidra kif il-Qrati interpretaw din id-disposizzjonijiet.

L-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul il-perjod u ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti -*

*(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;*

*(b) jekk tkun qorti differenti, ghandha tibgħat lil dik il-persuna quddiem il-qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata u dik il-qorti għandha kemm jista' jkun malajr, tara li dik il-persuna tinġieb quddiemha, u meta tinġieb prova għas-sodisfazzjon tagħha tad-dikjarazzjoni ta' ħtija dwar ir-reat ulterjuri, tista' tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li setgħet tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minnha jew quddiemħa ta' dak ir-reat.'*

Illi ghaldaqstant, dan l-artikolu jipprovdi li meta persuna taghmel reat matul il-perjodu operativ ta' liberazzjoni kondizzjonata f'dan il-kaz, il-Qorti '*tista*' titratta lil

hati daqs li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddim dik il-Qorti ghal dak ir-reat. Il-kelma '*tista*' f'dan l-artikolu giet interpretata diversi drabi fil-gurisprudenza Maltija bhala tali li ma taghtix diskrezzjoni ossia ghazla lil Qorti dwar ghandhiex titratta mal-hati jew le. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Bernard C. Spiteri) vs Julian Calleja'** [1] li kien fost akkuzi ohra titratta l-ksur ta' ordni ta' probation, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat li:

'*L-appellant għandu wkoll raġun fejn isostni li l-ewwel Qorti ma setgħetx "tagħżel" li ma tittrattax ma' l-imputat għar-reati li dwarhom kien sar l- ordni ta' probation fis-16 ta' Marzu 2013. L-artikolu 23 tal-Kap. 446, bil- kelma "tista" użata fl-istess artikolu, ma tagħtix xi għażla jew diskrezzjoni lill-Qorti tittrattax jew le lill-persuna konċernata għar-reat li dwaru tkun saret l-ordni ta' probation iżda l-kelma "tista'" hi intiża sabiex tvesti lill- Qorti b'setgħa, b'vires li altrimenti ma kienx ikollha fiċ-ċirkostanzi. Din il- Qorti għalhekk taqbel perfettament mal-insenjament tas-sentenzi indikati mill-appellant Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu*[2] *u għalhekk din il-Qorti ser tagħti l-provvediment opportun aktar tard f'din is-sentenza.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Raymond Callus'** [3] gie kkunsidrat li:

'*Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 10 huwa car. L-abbili difensur ta' l-appellat stieden lil din il-Qorti sabiex ma titrattax ma' l-appellat ghall-ksur ta' din il-"conditional discharge" peress li argumenta li l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10 tal-Kap. 152 juza l-espressjoni "...tista' titratta ma' dik il- persuna...", u ghalhekk, skond hu, il-kelma "tista'" (may fit-test Ingliz) tindika li l-Qorti ghandha ghazla, u tista' ghalhekk anke ma titrattax mieghu ghall-ksur tal-"conditional discharge" jew tal- "probation order" skond il-kaz. L-appellat m'ghandux ragun f'dan ir- rigward. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-16 ta' Gunju, 1999 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar*** *l-uzu tal- kelma "tista'" ma jfissirx li l-Qorti ghandha xi ghazla. Il-kelma "tista'" fil-kuntest kemm tal-paragrafu (a) kif ukoll tal-paragrafu (b) tal- Artikolu 10(1) in dizamina tfisser biss li l-qorti li tkun ikollha*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-8 ta' Mejju, 2015 (Numru 268/2014)
[2] Ara App. Kr. Pulizija v Andrew Buhagiar, 16/6/1999; App. Kr. Pulizija v Raymond Callus, 10/10/2001; P v Duranovic Coreschi, 14/9/2011 (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)
[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Dicembru, 2001 (Appell Nru 158/2001 VDG)

*s-setgha li titratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt Spiridione Zammit) vs Ian Mizzi -Omissis-u -Omissis-'</u>**[4], il-Qorti in vista tal-ksur ta' ordni ta' liberazzjoni kondizzjonata u li l-imputat ghamel reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, dwar l-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkunsidrat li:

*'Disposizzjoni sostanzjalment simili ghal dan l-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 kienet tezisti fl-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152, liema Kapitolu huwa llum abrogat, u sostitwit bil-Kapitolu 446.5 L-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien gie interpretat fis-sentenza Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Gunju 1999, fejn gie ritenut illi: "L-uzu tal-kelma sottolineata "tista" – "may" fit-test ingliz – ma' jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma titrattax maghha, kif donnu ried ifisser l-abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita li dik il-Qorti taghzel li ma' titrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-qorti jkollha s-setgha li tittratta ma' dik il-persuna bl- istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal- istess subartikolu, il-kelma "tista" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il-persuna" tfisser li l-qorti li tkun ghandha tittratta ma' dik il-persuna."[6] (sottolinear dik il-Qorti).*

*Fl-opinjoni ta' din il-Qorti din l-interpretazzjoni li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat lill-Artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 ghandha tapplika bl-istess mod fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446, li kif diga inghad huwa sostanzjalment simili. Fil-kaz odjern, l-Ordni ta' liberta kondizzjonata giet imposta fuq l-imputat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), u konsegwentement din il-Qorti hija obbligata li tittratta mal-imputat kif jipprovdi*

[4] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Jannar, 2015 (Numru. 993/2014)

[5] L-artikolu 10(1) tal-Kapitolu 152 kien jippreskrivi hekk: "Jekk persuna li fil-kaz taghha jkun gie maghmul ordni ta' probation jew ordni ghal liberazzjoni taht kondizzjoni tigi 'l quddiem misjuba hatja minn jew quddiem xi qorti ta' reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu tal-liberazzjoni taht kondizzjoni, il-qorti –

(a) jekk tkun l-istess qorti li kienet ghamlet l-ordni tal-probation jew l-ordni ta' liberazzjoni taht kondizzjoni tista' tittratta ma' dik il-persuna ghar-reat li ghalih l-ordni gie maghmul b'kull mod li bih kienet tkun tita' titratta maghha kieku kienet ghadha kif giet dikjarata hatja minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat; (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna ennumerata tnejn (2) fis-sentenza citata)

6 Ara fl-istess sens is-sentenza Il-Pulizija v. Raymond Callus deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' Dicembru 2001. (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna ennumerata tlieta (3) fis-sentenza citata)

*l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.'*

F'dik is-sentenza[7], il-Qorti wara li qieset ic-crikostanzi kollha tal-kaz, iddeciedet li:

*'...jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar erba' snin ghamel l-almu tieghu mhux biss biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, izda wkoll biex jerfa' r-responsabbilita tieghu u jahdem u mill-pre sentencing report jirrizulta li hu mhajjar ikompli jistudja. Mill-fedina penali aggiornata ma jirrizultax li l-imputat rega' xellef difrejh mall-gustizzja. Il-Qorti, wara li irriflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li l- isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ghalfejn il-piena ghandha tkun taht il- minimum stabbilit mil-ligi, u stante li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Duranovic Coreschi'**[8], gie kkunsidrat b'mod dettaljat li:

**'8.** *Ilment iehor ta' l-appellant hu li ma jaqbilx ma' l- interpretazzjoni li giet moghtija f'xi sentenzi li l-kelma "tista'" fl-artikolu 23 ghandha tigi mifhuma bhala "ghandha". Jghid li principju kardinali fil-ligi penali huwa ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit (u mhux kif qal fir-rikors ta' appell ubi lex dixit, ubi lex voluit). L-appellant isostni li bl-ebda finzjoni legali ma jista' jifhem kif u ghalfejn l-uzu ta' kelma kostantement utilizzata fil-Kodici Kriminali u ligijiet ohra, u li tintuza mil-legislatur sabiex jaghti ampja mano di scelta lill-Qorti ai fini tad-decizjoni taghha, fil-kaz ta' l-artikolu 23 tal-Kap. 446 giet moghtija tifsira djamettrikament opposta ghat-tifsira naturali taghha u allura kontra l-ispirtu tal-ligi stess. In sostenn ta' dak li jtenni l-appellant, huwa jghid li hemm "varji sentenzi moghtija mill-Qrati nostrana fejn anke f'kaz ta' ksur ta' sanzjoni komunitarja, jew ahjar fejn isehh reat matul l-operazzjoni ta' sanzjoni komunitarja", gie applikat l- artikolu 21 tal-Kap. 446. Jirreferi ghal sentenza <u>wahda</u> moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-20 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet **Il- Pulizija v. Bertram Zahra**.*

***9.*** *L-ewwelnett, bhalma qalet diga` din il-Qorti (supra, para. 7), fi proceduri istitwiti minhabba li jkun gie kommess reat matul il-perijodu ta' probation u fejn allura l- persuna tigi akkuzata wkoll bi ksur tal-probation – <u>specifikatament li kkommettiet reat waqt tali perijodu</u> – l- artikolu 21 tal-Kap. 446 <u>mhuwiex applikabbli</u> u <u>japplika biss l-artikolu 23</u> ta' l-imsemmi*

---

7 Fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt Spiridione Zammit) vs Ian Mizzi -Omissis- u -Omissis'** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-21 ta' Jannar, 2015 (Numru. 993/2014)

8 Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Settembru, 2011 (Appell Kriminali Numru: 549/2010)

*Kap. 446. Ghalhekk dak li gie deciz fis-sentenza citata mill-appellant huwa rrilevanti.*

**10.** *Dwar it-tifsira tal-kelma "tista'", din il-Qorti diversament presjeduta, b'referenza ghall-artikolu 10(1) tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta – liema Kap. gie sostitwit bil-Kap. 446, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Andrew Buhagiar*** *moghtija fis-16 ta' Gunju 1999 kienet qalet:*

***"L-uzu tal-kelma sottolineata "tista'" – "may" fit-test Ingliz tal-ligi – ma jfissirx li dik il-Qorti ghandha xi ghazla fis-sens li tista' tittratta ma' dik il-persuna u tista' ma tittrattax maghha, kif donnu ried ifisser l- abbli difensur tal-appellat. Il-Kap. 152, infatti, anqas biss jikkontempla l-possibilita` li dik il-Qorti taghzel li ma tittrattax mal-persuna li tkun kisret l-ordni ta' probation jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni. Il-kelma "tista'" f'dan il-kuntest tfisser biss li dik il-Qorti jkollha s-<u>setgha</u> li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti. Ghalhekk, kemm fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 10, kif ukoll fil-paragrafu (a) tal-istess subartikolu, il-kelma "tista'" fl-espressjoni "tista' tittratta ma' dik il- persuna" tfisser li l-Qorti li tkun <u>ghandha</u> tittratta ma' dik il-persuna."***

**11.** *U fis-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Raymond Callus*** *mogthija wkoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2001, intqal:*

***"L-abbli difensur ta' l-appellat stieden lil din il-Qorti sabiex ma tittrattax ma' l-appellat ghall-ksur ta' din il- conditional discharge peress li argumenta li l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 10 tal- Kap. 152 juza l-espressjoni '... tista' tittratta ma' dik il- persuna ...', u ghalhekk, skond hu, il-kelma 'tista'' (may fit-test Ingliz) tindika li l-Qorti ghandha ghazla, u <u>tista'</u> ghalhekk anke ma tittrattax mieghu ghall-ksur tal-conditional discharge jew tal-probation order skond il-kaz. L-appellat m'ghandux ragun f'dan ir- rigward. Kif gie spjegat minn din il-Qorti fis-sentenza tas-16 ta' Gunju 1999 fl-ismijiet il-Pulizija v. Andrew Buhagiar l-uzu tal-kelma 'tista'' ma jfissirx li l-Qorti ghandha xi ghazla. Il-kelma 'tista'' fil-kuntest kemm tal-paragrafu (a) kif ukoll tal-paragrafu (b) ta' l-artikolu 10(1) in dizamina tfisser biss li l-Qorti li tkun ikollha s- <u>setgha</u> li tittratta ma' dik il-persuna bl-istess mod daqs li kieku dik il-persuna tkun ghadha kif giet misjuba hatja quddiem dik il-Qorti."***

**12.** *Din il-Qorti hi tal-fehma li din l-interpretazzjoni hija korretta u tapplika ghall-artikolu 23(1) tal-Kap. 446, liema artikolu huwa sostanzjalment simili ghall-artikolu 10(1) tal- Kap. 152. Din il-Qorti zzid tghid illi ma tistax tinghata interpretazzjoni differenti anke ghas-segwenti raguni. Meta persuna tinsab hatja dwar reat, il-Qorti m'ghandhiex ghazla hlief li tittratta ma' dik il-persuna skond il-ligi ghal tali sejbien ta' htija, u certament m'ghandhiex ghazla tittrattax mieghu jew le. Skond id-dicitura fl-artikolu 23(1)(a), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li* <u>*tista'*</u> *(fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti); u skond dik ta' l-artikolu 23(1)(b), il-Qorti "tista' tittratta lil dik il-persuna ghar-reat li dwaru tkun saret l-ordni b'kull mod li* <u>*setghet*</u> *(fit-test Ingliz "could") tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minnha jew quddiemha ta' dak ir-reat" (sottolinear ta' din il-Qorti). F'kaz ta' kommissjoni ta' reat matul perijodu ta' probation, mela, il-legislatur qieghed johloq finzjoni legali li l-hati jkun ghadu kemm gie misjub hati tar-reat/i li dwaru/hom ikun tqieghed taht probation. Ladarba jkun "ghadu kemm gie misjub hati", huwa mistenni li l-Qorti tittratta mal-hati ghal tali sejbien ta' htija billi taghti l-piena applikabbli ghall-kaz, jigifieri, kif intqal fis-sentenzi precitati, ghandha* <u>*s-setgha*</u> *li tittratta mal-hati bl-istess mod daqs li kieku ghadu kemm gie misjub hati. Konsegwentement anke dan l-ilment huwa michud.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet <u>**'Il-Pulizija Sp vs Bertram Zahra Matthew Schembri'**</u>[9], il-Qorti dwar l-imputazzjoni rigwardanti li Bertram Zahra kiser ordni ta' probation b'sentenza li saret definittiva u li ma tistax tigi mibdula, in segwitu ta' ammissjoni, estendiet il-Probation Order b'sena mid-data tas-sentenza.

Illi minn naha l-ohra, fis-sentenza fl-ismijiet <u>**'Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Eman Ebejer'**</u> [10] gie kkunsidrat li:

'*Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jidhrilhiex li jkun idoneu illi titratta mal-imputat dwar it-tieni imputazzjoni ossia talli kiser Probation Order moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz ta' sentenza datata 16 ta' Frar 2009, anke ghaliex kemm il-darba l- Qorti tittratta mal-imputat, ma jkollhiex ghazla ohra hlief illi timponi piena ta' prigunerija effettiva fir-rigward tar-reati li ghalihom huwa kien inghata l-Ordni ta' Probation. Kif inghad, fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li dan ikun idoneu. Madankollu, l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt fir-*

[9] Deciza mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar l-20 ta' Mejju 2008
[10] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-7 ta' Mejju, 2013 (Numru. 294/2011)

*rigward tal-piena li ser tigi nflitta dwar l-ewwel imputazzjoni.*'

L-istess gie kkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech vs Etienne Agius**[11]':

'*Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jidhrilhiex li jkun idoneu illi titratta mal-imputat dwar it-tieni imputazzjoni ossia talli kiser kundizzjoni moghtija lilu mill- Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz ta' sentenza datata 12 ta' Mejju 2011, anke ghaliex kemm il-darba l-Qorti tittratta mal-imputat, ma jkollhiex ghazla ohra hlief illi timponi piena ta' prigunerija effettiva fir-rigward tar-reat li ghalih huwa kien inghata liberazzjoni kundizzjonata. Kif inghad, fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li dan ikun idoneu. Madankollu, l-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt fir-rigward tal-piena li ser tigi nflitta dwar l-ewwel imputazzjoni.*'

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-gurisprudenza interpretat il-kelma '*tista*' fl-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bhala '*ghandha*' u ghalhekk bhala tali li ma thallix diskrezzjoni lil gudikant sabiex jiddeciedi jekk ghandux jitratta jew le mal-hati. Biss pero', kif anke jidher fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Johann J. Fenech vs Etienne Agius**[12]' kien hemm sitwazzjonijiet specjali fejn il-Qrati hassew li ma jkunx idoneu li titratta mal-imputat dwar il-ksur ta' kundizzjoni moghtija f'sentenza.

Illi dak li jirrizulta mill-kaz odjern huwa li f'dak li jirrigwarda l-imputazzjoni fejn l-Ewwel Qorti giet mitluba sabiex tittratta ma' l-akkuzat talli kiser l-kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn l-akkuzat kien liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn skond kif dispost fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-appellant skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija Spettur Godwin Scerri vs Pierre Darmanin' deciza fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) kien akkuzat li:

'*(a) nhar il-21 t`Awissu, 2013, fil-ħinijiet ta` wara nofs in-nhar minn fuq il-Moll f`Xatt il-Braken fil-Marsa, ikkommetta serq t`ilma ikkwalifikat bil-mezz, u dan għad-detriment tal-*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta' Gunju, 2013 (Numru. 36/2012)
[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-19 ta' Gunju, 2013 (Numru. 36/2012)

*Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma bi ksur tal-Artikoli 261(b), 263(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta` Malta; u*

*(b) talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, bagħbas jew għamel ħsara fil- komunikazzjoni tal-ilma tal-main u dan għad-detriment tal- Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma bi ksur tal-Avviz Legali 331 tal- 2008 regolament numru 10 (39).'*

Skont is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014)[13] konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), huwa kien instab hati tal-ewwel (1) izda mhux tat-tieni (2) imputazzjoni. Il-valur tal-ilma allegatament misruq li kien aggravat bil-mezz kien jammonta ghal ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1.58). Ghalhekk *ai termini* tal-artikolu 278(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa kien suggett ghal piena ta' prigunerija minn hames (5) xhur sa disa' (9) xhur. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) kienet *ai termini* tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, illiberat lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor matul il-perjodu ta' sentejn. Dik is-sentenza kienet giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016). Illi ma huwiex ikkontestat li r-reati li taghhom l-Ewwel Qorti fis-sentenza hawn appellata sehhew entro l-perjodu operativ tas-sentenza.

L-appellant fl-appell odjern, ghalkemm jikkoncedi li l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta trattat mal-appellant wara l-ksur tal-liberazzjoni kkundizzjonata hija tat il-minimu ta' hames (5) xhur prigunerija *ai termini* ta' dak li tipprovdi l-ligi, issottometta li jezistu ragunijiet specjali u straordinarji li jimmeritaw piena taht il-minimum previst mill-ligi. L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Martin Cachia'</u>**[14] fejn l-imputat kien anke instab hati li kiser kundizzjoni mposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), sentenza li saret definittiva u ma tistax tigi mibdula. Dik il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanza kollha tal-kaz iddeciediet li '*dwar ir-reati li dwarhom kienet ingħatat is-sentenza tat-30 ta' Marzu 2007, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sejra tinfliġġi l-piena tal-multa.*'

[13] Numru: 1099/2013
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-6 ta' Mejju, 2015 (Appell Kriminali Numru. 545/2012)

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti taqbel mal-appellant li jezistu ragunijiet specjali u straordinarji li kienu jimmeritaw piena taht il-minimu prevvist mill-ligi. Illi filwaqt li din il-Qorti temfasizza li l-appellant gie misjub hati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata dwar reati serjissimi, minn liema htija huwa ma appellax, bhal kif lanqas ma' appella mill-piena rigwardanti dawk l-akkuzi. Biss pero' dak li din il-Qorti trid tistharreg huwa jekk il-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva hijiex wahda idonea tenut kont tal-mertu li dwaru l-appellant instab hati mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014)[15] ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016). Jirrizulta li l-appellant kien instab hati tar-reat ta' serq aggravat kont bil-mezz, il-valur ta' liema serq kien ta' **<u>ewro u tmienja u hamsin centezmu (€1.58)</u>**[16]. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet wissietu dwar li jekk jaghmel reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jsita' jinghata sentenza ghar-reat originali. Din il-Qorti biss pero' hija tal-fehma li l-ammont mertu tar-reat ta' serq certament ma jimmeritax hames (5) xhur prigunerija effettiva.

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija v. Alfred Abela'</u>**[17] fejn ghalkemm b'fatti differenti minn dawk odjerni, gie kkunsidrat li:

'*Kif din il-Qorti kellha l-okkazjoni li tfisser diversi drabi, l- artikolu 21 tal-Kap. 9 hu car u ghandu jigi rispettat kemm fil-forma kif ukoll fis-sustanza mill-qrati fl-ghoti tas- sentenzi taghhom.*

*L-artikolu 21 tal-Kap. 9 jipprovdi testwalment hekk:*

***"Bla hsara tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 492, il- qorti tista', ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat jew taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 20, minghajr hsara tad- disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7."***

[15] Numru: 1099/2013
[16] Enfasi ta din l-Qorti
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta' Gunju, 2007 (Appell Kriminali Numru 410/2006)

*L-artikolu 7 tal-Kap. 9 jipprovdi ghall-pieni li jistghu jigu moghtija ghad-delitti u dawk li jistghu jigu moghtija ghall- kontravvenzjonijiet. Ghalhekk, meta l-artikolu 21 jipprovdi li qorti tista' taghti piena izghar "minghajr hsara tad- disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7", dan ifisser illi fil-kaz ta' delitti jistghu jigu applikati biss dawk il-pieni msemmija fl- artikolu 7(1)(a) sa (d) u fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet dawk il-pieni msemmija fl-artikolu 7(2)(a) sa (c). B'hekk fejn delitt huwa punibbli bi prigunerija, qorti tista', bl- applikazzjoni ta' l-artikolu 21, tinfliggi l-piena tal-multa.*'

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Chris Pullicino) vs Robert Pirrone'**[18] fejn wara li qieset l-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ikkunsidrat li:

'*jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar sena u nofs qed jaghmel l-almu tieghu mhux biss biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, izda wkoll biex jerfa' r-responsabbilita tieghu u jrabbi lill-uliedu, prattikament wahdu, billi t-tfal iqattghu il-gimgha mieghu u l-weekend biss ma ommhom. Il-Qorti, wara li irrflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ghalfejn il-piena ghandha tkun taht il-minimum stabbilit mil-ligi, u stante li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.*'

Illi din il-Qorti filwaqt li tikkonferma li *ai termini* tal-artikolu 23(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Ewwel Qorti korrettament trattat mal-appellant dwar li '*kiser il-kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar il-25 ta' Frar 2016 mill-Qorti ta' l-appell kriminali fejn l-akkuzat kien liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' sentejn skond kif dispost fl-art.22 ta' Kap 446*' izda tenut kont tal-ammont mertu tas-serqa li dwarha huwa kien gie misjub hati, u stante dak li skont ma gie vverbalizzat fis-seduta ta' din il-Qorti ta' nhar il-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-prosekuzzjoni m'hijiex tinsisti fuq piena ta' prigunerija, sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva u sejra minflokk bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u stante li jezistu ragunijiet specjali u straordinarju, sejra minflokk tordna l-hlas ta' multa ta' tlett mitt ewro (€300).

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qieghda tilqa' l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-

[18] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Gunju, 2014 (Numru: 13/2011)

raba' (4), il-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' tmint'elef ewro (€8,000) kif ukoll li a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta harget Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' Rachel Dalli Tua u l-familja taghha ghal zmien tlett (3) snin, liema perjodu ghandu jibda' ghaddej mil-lum. In oltre, filwaqt li tikkonferma ukoll is-sejbien ta' htija tas-seba' (7) imputazzjoni rigwardanti l-ksur tal-kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deciza nhar il-25 ta' Frar, 2016 fejn l-akkuzat kien illiberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u qieghda ghalhekk tirrevoka fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellant ghal hames (5) xhur prigunerija, u minflokk sejra bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tinfliggi multa ta' tlett' mitt ewro (€300).

F'kaz li l-ammonti jew parti minnhom ma jithallsux hekk kif ordnat, ghandhom jigu kkonvertiti fi prigunerija ai termini tal-ligi.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur